



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 30 ta' Settembru 2019
(OR. en)

2016/0264 (COD)

PE-CONS 63/19
COR 1 (mt,de,el,fr,it)

STATIS 21
SOC 115
EMPL 82
EDUC 81
SAN 102
ECOFIN 197
CODEC 502

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

Minflok:

"(12) Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European Statistical System) hija impenjata li tinvolvi lill-utenti kollha, billi tissodisfa t-talbiet tagħhom b'mod proattiv u reattiv u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat), l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), il-banek ċentrali nazzjonali, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika u l-aġenziji tal-Unjoni. Għalhekk huwa ta' importanza kruċjali li l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż min ifassal il-politika, riċerkaturi u akkademiċi, produtturi ta' data, is-soċjetà ċivili u gruppi oħrajn ta' interess, jitqies b'mod xieraq meta jiġi adattat u modernizzat l-istħarriġ soċjali."

Agra:

"(12) Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European Statistical System) hija impenjata li tinvolvi lill-utenti kollha b'mod proattiv billi tissodisfa t-talbiet tagħhom b'mod reattiv u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni (Eurostat), l-istituti nazzjonali tal-istatistika (NSIs, national statistical institutes), il-banek ċentrali nazzjonali, il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika u l-aġenziji tal-Unjoni. Għalhekk huwa ta' importanza kruċjali li l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż min ifassal il-politika, riċerkaturi u akkademiċi, produtturi ta' data, is-soċjetà ċivili u gruppi oħrajn ta' interess, jitqies b'mod xieraq meta jiġi adattat u modernizzat l-istħarriġ soċjali."

Minflok:

"(19) Għall-oqsma tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, bil-għan tal-adattament għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi l-ġodda tal-utenti, jenħtieġ li jkun possibbli li tinġabar data fuq suġġetti ad hoc, f'mument speċifiku sabiex jippermettu li l-varjabbli miġbura fuq bażi permanenti jiġu ssupplimentati minn varjabbli kumplimentari, filwaqt li jiġu enfasizzati aspetti mhux esplorati tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien. F'każijiet ġustifikati, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-data tkopri wkoll temi mhux previsti f'dan ir-Regolament."

Agra:

"(19) Għall-oqsma tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien, bil-għan tal-adattament għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi l-ġodda tal-utenti, jenħtieġ li jkun possibbli li tinġabar data fuq suġġetti ad hoc, f'mument speċifiku sabiex jippermettu li l-varjabbli miġbura fuq bażi regolari jiġu ssupplimentati minn varjabbli kumplimentari, filwaqt li jiġu enfasizzati aspetti mhux esplorati tal-forza tax-xogħol u tad-dħul u l-kondizzjonijiet tal-għajxien. F'każijiet ġustifikati, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-data tkopri wkoll temi mhux previsti f'dan ir-Regolament."